



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Baġits

2011/0415(COD)

18.4.2012

ABBOZZ TA' OPINJONI

tal-Kumitat għall-Baġits

għall-Kumitat għall-Affarijiet Barranin

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli u proċeduri komuni għall-implimentazzjoni tal-istrumenti tal-Unjoni għal azzjoni esterna
(COM(2011)0842 – C7-0494/2011 – 2011/0415(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Nadezhda Neynsky

PA_Legam

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Ir-regolament li jistabilixxi regoli u proċeduri komuni għall-implimentazzjoni tal-istrumenti tal-Unjoni għal azzjoni esterna se jservi bħala qafas orizzontali bi qbil mal-oġġettivi tal-Aġenda għas-Simplifikazzjoni għall-Qafas Finanzjarju Multianwali 2014-2020 u billi jipprovi regoli unifikati u armonizzati għall-istrumenti tal-azzjoni esterna ġeografiċi (l-Istrument ta' Finanzjament tal-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp, l-Istrument Ewropew ta' Viċinat u Sħubija, l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni u l-Istrument ta' Sħubija) u tematiċi (l-Istrument għall-Istabbiltà, l-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u għad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Istrument għas-Sikurezza u l-Kooperazzjoni Nukleari) tal-UE.

Huma proposti **regoli u proċeduri ssimplifikati** għall-programmazzjoni u għat-twassil tal-assistenza tal-UE, speċjalment fil-kuntest ta' Regolament Finanzjarju rivedut, b'mod orizzontali għall-istrumenti esterni kollha biex jiġi żgurat twassil aktar effikaċi tal-assistenza tal-UE:

- Jistabilixxi l-qafas għal ġestjoni interna aktar kosteffikaċi permezz tat-tnaqqis tal-piż amministrattiv.
- Livell għoli ta' armonizzazzjoni tad-dispożizzjonijiet finanzjarji fl-istrumenti nfushom kif ukoll b'mod trasversali, ħaġa li toħloq sinerġiji u ttejjeb iċ-ċertezza legali b'mod ġenerali.
- Joħloq dispożizzjonijiet li għandhom jiżguraw li l-UE tkun mgħammra b'livell suffiċjenti ta' flessibbiltà biex tirreaġixxi b'mod rapidu għal kwalunkwe avvenimenti mhux previsti u għall-ħtiġijiet tal-benefiċjarji.
- Jiżgura li d-dispożizzjonijiet tiegħu iqisu b'mod adegwat l-ispeċifitàjiet tal-azzjoni esterna u l-istrumenti ta' finanzjament tagħha fil-kuntest tar-Regolament Finanzjarju l-ġdid.
- Isaħħaħ il-koordinament tal-għajnuna provduta mill-UE, mill-Istati Membri u minn donaturi oħrajn.

Implikazzjonijiet Baġitarji:

Ir-rapporteur tixtieq ittenni l-pożizzjoni adottata mill-Parlament fir-risoluzzjoni SURE li l-Unjoni teħtieġ livell suffiċjenti ta' riżorsi finanzjarji biex tissodisfa l-impenji tagħha u dan huwa ugwalmment importanti fil-qasam tal-azzjoni esterni, fejn l-Unjoni hija mistennija tassumi r-rwol tagħha ta' parteċipant politiku globali.

Il-Kummissjoni tipproponi li ammont ta' EUR 121.8 biljun fi prezzijiet kostanti tal-2011 jiġi ddedikat għall-erba' strumenti ġeografiċi u tematiċi. Dan jirrappreżenta żieda ta' 17.6 % fuq l-ammont tal-qafas finanzjarju multiannwali attwali. Ir-Rapporteur tixtieq tagħti parir dwar l-użu sistematiku ta' prezzijiet kostanti fid-dibattiti u d-diskussjonijiet peress li approċċ bħal dan jippreżenta bażi aktar valida għal tqabbil, speċjalment bejn qafas finanzjarji multiannwali ta' perjodu u dak ta' perjodu ieħor. Ir-Rapporteur tissuġġerixxi wkoll li diskussjonijiet bħal dawn ma jkunux purament introspektivi iżda jqisu wkoll l-iżvilupp ta' elementi oħra importanti peress li r-rilevanza tagħhom tista' tvarja skont l-ispeċifitàjiet ta' kull strument.

Ir-Rapporteur tixtieq tirrakkomanda li l-Kummissjoni tipproduċi dokument f'nofs il-perjodu li jikkonsolida l-informazzjoni kollha dwar il-finanzjament kollu li huwa rregolat b'dan ir-

Regolament iżda potenzjalment il-finanzjament estern kollu b'mod ġenerali u li jista' jkun li ma jkunx limitat biss għall-Intestatura 4, u li jagħti analiżi tal-infiq skont, *inter alia*, il-pajjiżi benefiċjarju, il-qasam ġenerali ta' applikazzjoni tal-fondi, l-użu tal-istrumenti finanzjarji, l-impenji u l-pagamenti u l-livell ta' parteċipazzjoni tas-sħab. Ir-Rapporteur tħoss li dokument bħal dan iżid ħafna t-trasparenza dwar kif u fejn jintnefaq il-finanzjament tal-UE u jtejjeb is-sorveljanza dwar il-komplementarjetà u l-koerenza fil-firxa ta' strumenti u inizjattivi finanzjarji.

In-nuqqasijiet tal-proposta:

Ir-rapporteur tissuġġerixxi li tiġi enfasizzata b'mod espliċitu l-interoperabilità bejn id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju nnegożjat bħalissa u l-Proposta għal Regolament li jistabbilixxi regoli u proċeduri komuni għall-implimentazzjoni tal-istrumenti tal-Unjoni għal azzjoni esterna.

Fid-dettall, l-emendi proposti huma maħsuba biex:

- isaħħu u jiċċaraw il-proċeduri implimentattivi u d-deċiżjonijiet ta' finanzjament biex jiġi żgurat l-użu trasparenti, ġust u ekwu tal-fondi tal-UE fil-każijiet kollha tal-azzjoni esterna
- itejbu r-rappurtar u l-monitoraġġ, inkluż rieżami ta' nofs it-terminu tar-Regolament Implimentattiv Komuni nnifsu;
- ikomplu jtejjeb l-konsistenza, il-koerenza u l-koordinament tal-fondi disponibbli kemm internament fl-UE kif ukoll minn donaturi intrnazzjonali;
- jiżguraw li jkun hemm kontroll aktar strett tal-użu tal-istrumenti ta' finanzjament b'rieżami tal-adegwatezza tagħhom kull ħames snin.

Barra minn hekk, ir-Rapporteur tixtieq tiġbed l-attenzjoni rigward il-bosta definizzjonijiet ta' urġenza u każijiet speċjali fit-test li għandhom jiġu ċċarati u unifikati biex tittejjeb iċ-ċertezza legali dwar kif u meta l-UE għandha u tista' tirreaġixxi għal kriżijiet globali. Ir-Rapporteur tfakkar li d-definizzjoni preżenti, li ġejja mir-Regolament Finanzjarju, tista' tinstab fl-Artikolu 168, paragrafu 2, tar-Regolament tal-Kummissjoni Nru. 2342/2002 (Regoli Implimentattivi) u huwa previst li tkun suġġetta għal adattament.

Filwaqt li l-istrumenti finanzjarji tal-UE m'għandhomx jippruvaw jissostitwixxu dawk tal-Istati Membri, il-finanzjament privat jew l-interventi finanzjarji l-oħrajn tal-UE, il-Kummissjoni għandha tfittex li tiżgura l-konsistenza u l-komplementarjetà tal-fondi biex toħloq sinerġiji baġitarji billi tiġbor ir-riżorsi u l-ħila esperta mas-sħab. Strumenti finanzjarji innovattivi jgħallqu effett multiplikatur għall-baġit tal-UE billi jiffaċilitaw u jattiraw finanzjament pubbliku u privat ieħor għal proġetti ta' interess għall-UE, iżda dan m'għandux isir b'dannu għall-użu leġittimu tal-fondi tal-UE. Bħala tali, huwa ta' importanza kbira li l-lieva finanzjarja m'għandhiex tikkomprometti l-aħjar prattiki kif introdotti bir-Regolament Finanzjarju nnegożjat bħalissa. Fl-istess kuntest, il-kunsiderazzjonijiet baġitarji għandhom jipprovdu wkoll bilanċ tajjeb għal allinjament aħjar tal-għanijiet tal-politiki interni tal-UE mal-oġġettivi esterni permezz tal-intergrazzjoni ta' inizjattivi bħall-istrateġija Ewropa 2020, id-demokrazija, l-istat ta' dritt, id-drittijiet tal-bniedem, l-intraprenditorjat u l-ħarsien ambjentali.

Ir-Rapporteur tixtieq tiġbed l-attenzjoni għad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 6, 9, 10 u 11 tal-

proposta attwali li jipprovdu għall-ħtiġijiet speċifiċi ta' kull grupp ta' strumenti. Dawn l-artikoli jmorru kontra l-idea fundamentali tar-regolament li jipprovdi biss dispożizzjonijiet orizzontali u universali. Ir-Rapporteur tirrikonoxxi li l-partikolaritajiet ta' kull strument jitolbu sett limitat ta' regoli individwali iżda tixtieq thegħeġ b'mod qawwi sabiex dawn l-artikoli jitqiegħdu, fejn ikun xieraq, fil-proposti leġislattivi speċifiċi tal-istrument rispettiv li jkunu marbutin miegħu. Bħala tali, ir-Regolament Implimentattiv Komuni għandu jżomm ir-rwol regolatorju tiegħu biss fir-rigward tal-kundizzjonijiet u l-proċeduri li huma verament universali għall-qasam tal-azzjoni esterna jew għall-qasam tal-kondotta ġenerali meta jintużaw l-istrumenti finanzjarji tal-UE.

EMENDI

Il-Kumitat għall-Baġits jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Barranin, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

Emenda 1

Abbozz ta' riżoluzzjoni leġislattiva Paragrafu -1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

-1. Jirrimarka li l-pakkett finanzjarju speċifikat fil-proposta leġislattiva jikkostitwixxi biss indikazzjoni lill-awtorità leġislattiva u li dan ma jistax ikun iffissat sakemm jintlaħaq qbil rigward il-proposta għal regolament li jstabbilixxi l-qafas finanzjarju multiannwali għas-snin 2014-2020;

Or. en

Emenda 2

Abbozz ta' riżoluzzjoni leġislattiva Paragrafu -1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

-1a. Ifakkar fir-riżoluzzjoni tiegħu tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar "Ninvestu fil-ġejjieni: Qafas Finanzjarju Multiannwali (MFF) ġdid għal Ewropa kompetittiva, sostenibbli u inklużiva"; itenni li huma meħtieġa biżżejjed riżorsi addizzjonali fil-

Qafas Finanzjarju Multiannwali li jmiss biex l-Unjoni tkun tista' twettaq il-prijoritajiet politiċi eżistenti tagħha u l-kompiti l-ġodda provduti fit-Trattat ta' Lisbona, kif ukoll biex tirreaġixxi għal avvenimenti mhux previsti; jisfida lill-Kunsill, jekk ma jaqbilx ma' dan l-approċċ, biex jidentifika b'mod ċar liema mill-prijoritajiet jew proġetti politiċi tiegħu jistgħu jitneħħew kompletament, minkejja l-valur miżjud Ewropew evidenti tagħhom;

Or. en

Emenda 3

Proposta għal regolament Premessa -1 (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(-1) It-titjib tal-implimentazzjoni u tal-kwalità tal-infiq għandu jkun prinċipju gwida għall-ilħuq tal-objettivi tal-istrumenti esterni filwaqt li jiġi żgurat l-użu ottimali tar-riżorsi finanzjarji tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 4

Proposta għal regolament Premessa -1a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(-1a) Huwa importanti li tiġi żgurata l-ġestjoni finanzjarja tajba tal-istrumenti esterni tal-Unjoni kif ukoll l-implimentazzjoni tagħhom bl-iktar mod effettiv u faċli sabiex jintuża, filwaqt li jiġu żgurati wkoll iċ-ċertezza legali u l-

Emenda 5

Proposta għal regolament Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni

(3) Id-deċiżjonijiet finanzjarji għandhom jieħdu l-forom ta' programmi ta' Azzjoni Annwali jew Multiannwali u Miżuri Individwali meta jsegwu l-ippjanar previst fl-iprogrammar indikattiv multiannwali, **ta'** Miżuri Speċjali fejn meħtieġa minn ħtiġijiet mhux previsti **u iġġustifikati**, u ta' Miżuri ta' Appoġġ.

Emenda

(3) Id-deċiżjonijiet finanzjarji għandhom jieħdu l-forom **jew** ta' programmi ta' Azzjoni Annwali jew Multiannwali u Miżuri Individwali meta jsegwu l-ippjanar previst fl-iprogrammar indikattiv multiannwali, **jew** Miżuri Speċjali fejn meħtieġa minn ħtiġijiet mhux previsti **jew iġġustifikati**, u ta' Miżuri ta' Appoġġ **kif previst fl-Artikolu 3.**

Emenda 6

Proposta għal regolament Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni

(4) B'kunsiderazzjoni tal-iprogrammar tal-politika jew in-natura ta' eżekuzzjoni finanzjarja ta' dawk l-atti ta' implimentazzjoni, b'mod partikolari l-implikazzjonijiet baġitarji tagħhom, il-proċedura ta' eżami għandha tintuża b'mod ġenerali għall-adozzjoni tagħhom, ħlief għal miżuri ta' skala finanzjarja żgħira. Madankollu, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni applikabbli immedjatament fejn, f'każijiet iġġustifikati debitament li huma relatati mal-ħtieġa għal rispons rapidu mill-Unjoni,

Emenda

(4) B'kunsiderazzjoni tal-iprogrammar tal-politika jew in-natura ta' eżekuzzjoni finanzjarja ta' dawk l-atti ta' implimentazzjoni, b'mod partikolari l-implikazzjonijiet baġitarji tagħhom, il-proċedura ta' eżami għandha tintuża b'mod ġenerali għall-adozzjoni tagħhom, ħlief għal miżuri ta' skala finanzjarja żgħira. Madankollu, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni applikabbli immedjatament fejn, f'każijiet iġġustifikati debitament li huma relatati mal-ħtieġa għal rispons rapidu mill-Unjoni,

ikun meħtieġ hekk għal raġunijiet imperattivi ta' urġenza.

ikun meħtieġ hekk għal raġunijiet imperattivi ta' urġenza. ***Il-Parlament Ewropew għandu jkun infurmat kif dovut u fil-pront b'dan. Il-miżuri kollha adottati għandhom iqisu wkoll id-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament (UE) Nru [...] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit annwali tal-Unjoni (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "ir-regoli finanzjarji").***

Or. en

Emenda 7

Proposta għal regolament Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni

(6) Għall-implimentazzjoni ta' strumenti finanzjarji, meta l-immaniġġjar tal-operazzjoni jiġi fdat lil intermedjarju finanzjarju, id-deċiżjoni tal-Kummissjoni għandha tkopri b'mod partikulari proviżjonijiet li jikkonċernaw il-qsim ta' riskji, ir-remunerazzjoni tal-intermedjarju responsabbli għall-implimentazzjoni, l-użu u l-użu mill-ġdid tal-fondi u l-profitti possibbli.

Emenda

(6) Għall-implimentazzjoni ta' strumenti finanzjarji, meta l-immaniġġjar tal-operazzjoni jiġi fdat lil intermedjarju finanzjarju, id-deċiżjoni tal-Kummissjoni għandha tkopri b'mod partikulari proviżjonijiet li jikkonċernaw il-qsim ta' riskji, ir-remunerazzjoni tal-intermedjarju responsabbli għall-implimentazzjoni, l-użu u l-użu mill-ġdid tal-fondi u l-profitti possibbli, ***filwaqt li jitqiesu d-dispożizzjonijiet rilevanti tar-regoli finanzjarji. Meta l-istrumenti finanzjarji ma jkunux għadhom meqjusa meħtieġa, jistgħu jitwaqqfu bi qbil mal-kundizzjonijiet stipulati f'dan ir-Regolament.***

Or. en

Emenda 8

Proposta għal regolament Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni

(8) Filwaqt li l-ħtiġijiet finanzjarji tal-assistenza esterna mill-Unjoni qed jiżdiedu, is-sitwazzjoni ekonomika u baġitarja tal-Unjoni tillimita r-riżorsi disponibbli għal assistenza bħal din. Il-Kummissjoni għalhekk għandha tfittex l-aktar użu effiċjenti tar-riżorsi disponibbli, b'mod partikolari billi tuża strumenti finanzjarji li għandhom effett ta' ingranaġġ. ***Effett ta' ingranaġġ bħal dan jiżdied billi*** l-fondi investiti u ġġenerati mill-istrumenti finanzjarji ***jitħallew*** jintużaw u jintużaw mill-ġdid.

Emenda

(8) Filwaqt li l-ħtiġijiet finanzjarji tal-assistenza esterna mill-Unjoni qed jiżdiedu, is-sitwazzjoni ekonomika u baġitarja tal-Unjoni tillimita r-riżorsi disponibbli għal assistenza bħal din. Il-Kummissjoni ***għandha timmira li toħloq sinerġiji baġitarji bejn il-miżuri nazzjonali, tal-Unjoni, multilaterali u internazzjonali u l-istrumenti eżistenti billi tevita kwalunkwe sovrappożizzjoni potenzjali, u*** għalhekk għandha tfittex l-aktar użu effiċjenti tar-riżorsi disponibbli ***mingħajr ma tikkomprometti l-użu ġust u ekwu tar-riżorsi tal-Unjoni***, b'mod partikolari billi tuża strumenti finanzjarji li għandhom effett ta' ingranaġġ, ***billi tippemetti*** l-fondi investiti u ġġenerati mill-istrumenti finanzjarji jintużaw u jintużaw mill-ġdid ***bi qbil mad-dispożizzjonijiet rilevanti tar-regoli finanzjarji.***

Or. en

Emenda 9

Proposta għal regolament Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni

(10) Għandhom isiru dispożizzjonijiet ulterjuri għall-metodi ta' finanzjament, il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, ir-regoli dwar in-nazzjonalità u l-orijini, u l-evalwazzjoni tal-Istrumenti,

Emenda

(10) Għandhom isiru dispożizzjonijiet ulterjuri għall-metodi ta' finanzjament, il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, ir-regoli dwar in-nazzjonalità u l-orijini, ***l-evalwazzjoni tal-azzjonijiet, ir-rappurtar u r-rieżami*** u l-evalwazzjoni tal-Istrumenti.

Or. en

Emenda 10

Proposta għal regolament Premessa 10a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(10a) Kull meta strutturi jew inizzjattivi ġodda għall-appoġġ tal-azzjonijiet esterni tal-Unjoni jkunu qed jiġu stabbiliti, għandhom jiġu ffinanzjati bi flus ġodda, għandu jkun jistħoqqilhom li jingħataw biżżejjed allokazżjonijiet baġitarji u m'għandhomx joħonqu l-finanzjament għal strumenti eżistenti tal-Unjoni,

Or. en

Ġustifikazzjoni

Tiżgura li l-istabbiliment ta' strutturi jew inizzjattivi ġodda ma jikkompromettix l-użu leġittimu u oġġettiv tal-fondi programmati.

Emenda 11

Proposta għal regolament Artikolu 1 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3. Fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha, fejn possibbli u xieraq fid-dawl tan-natura tal-azzjoni, tiffavorixxi l-użu tal-aktar proċeduri flessibbli sabiex tiżgura implimentazzjoni effettiva u effiċjenti.

3. Fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha, fejn possibbli u xieraq fid-dawl tan-natura tal-azzjoni, tiffavorixxi l-użu tal-aktar proċeduri flessibbli sabiex tiżgura implimentazzjoni effettiva u effiċjenti ***mingħajr ma tikkomprometti l-użu leġittimu tal-fondi tal-Unjoni u mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-awtorità baġitarja.***

Or. en

Emenda 12

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Il-Kummissjoni għandha tadotta programmi ta' azzjoni annwali jew multiannwali, fejn meħtieġ fuq il-bażi ***tad-dokumenti*** ta' programmar indikattivi msemmija fl-Istrument applikabbli.

Emenda

1. Il-Kummissjoni għandha tadotta programmi ta' azzjoni annwali jew multiannwali, fejn meħtieġ fuq il-bażi ***ta' assi ġenerali u globali previsti fid-dokumenti*** ta' programmar indikattivi msemmija fl-Istrument applikabbli.

Or. en

Emenda 13

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

2. Il-programmi ta' azzjoni ***u*** miżuri individwali previsti fil-paragrafu 1 li għalihom l-assistenza finanzjarja tal-Unjoni taqbeż EUR 10 miljun ***u l-miżuri speċjali li għalihom l-assistenza finanzjarja tal-Unjoni taqbeż EUR 30 miljun*** għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 15(3).

Emenda

2. Il-programmi ta' azzjoni, miżuri individwali ***u miżuri speċjali*** previsti fil-paragrafu 1 li għalihom l-assistenza finanzjarja tal-Unjoni taqbeż EUR 10 miljun għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 15(3).

Or. en

Ġustifikazzjoni

Tiżgura li l-istabbiliment ta' strutturi jew inizjattivi ġodda ma jikkompromettix l-użu leġittimu u oġġettiv tal-fondi programmati.

Emenda 14

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 2 – subparagrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Jekk l-ammont totali tal-emendi mhux sostanzjali jew l-impatt baġitarju tagħhom jaqbeż il-livelli limiti msemmija hawn fuq għal finanzjament fuq skala żgħira, għandha tapplika l-proċedura msemmija fl-Artikolu 15(3).

Or. en

Ġustifikazzjoni

Tiżgura li l-istabbiliment ta' strutturi jew inizjattivi ġodda ma jikkompromettix l-użu leġittimu u oġġettiv tal-fondi programmati.

Emenda 15

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4. Għandu jsir skrinjar ambjentali xieraq, ***inkluż għall-bidla fil-klima u impatti tal-bijodiversità, fil-livell ta' proġett inkluż fejn applikabbli evalwazzjoni tal-impatt ambjentali (EIA) għal proġetti li jkunu ambjentalment sensittivi, b'mod partikolari għal infrastruttura ġdida maġġuri.*** Fejn ikun rilevanti, għandhom jintużaw evalwazzjonijiet ambjentali strateġiċi (SEA) fl-implimentazzjoni ta' programmi settorjali. ***L-involviment tal-partijiet interessati fl-evalwazzjonijiet ambjentali u l-aċċess pubbliku għar-riżultati għandhom jiġu żgurati.***

4. Għandu jsir skrinjar ambjentali xieraq ***bi qbil mal-leġiżlazzjoni fis-seħħ u d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali (VIA).*** Fejn ikun rilevanti, għandhom jintużaw evalwazzjonijiet ambjentali strateġiċi (SEA) fl-implimentazzjoni ta' programmi settorjali. ***Il-VIA għandha ssir disponibbli għall-pubbliku u tintuża fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet.***

Or. en

Emenda 16

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Il-finanzjament mill-Unjoni jista' jkopri n-nefqa għall-implimentazzjoni tal-Istrumenti u għall-kisba tal-għanijiet tagħhom, inkluż l-appoġġ amministrattiv assoċjat mal-attivitajiet ta' tħejjija, segwitu, monitoraġġ, verifika u evalwazzjoni direttament **meħtieġa għal tali implimentazzjoni**, kif ukoll infiq fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni fuq l-appoġġ amministrattiv meħtieġ għall-ġestjoni tal-operazzjonijiet ifffinanzjati taħt l-Istrumenti.

Emenda

1. Il-finanzjament mill-Unjoni jista' jkopri n-nefqa għall-implimentazzjoni tal-Istrumenti u għall-kisba tal-għanijiet tagħhom, inkluż l-appoġġ amministrattiv assoċjat mal-attivitajiet ta' tħejjija, segwitu, monitoraġġ, verifika u evalwazzjoni direttament **marbuta mal-operazzjonijiet ifffinanzjati mill-Istrumenti** kif ukoll infiq fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni fuq l-appoġġ amministrattiv meħtieġ għall-ġestjoni tal-operazzjonijiet ifffinanzjati taħt l-Istrumenti.

Or. en

Emenda 17

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 2 – kliem introduttorju

Test propost mill-Kummissjoni

2. Sakemm l-attivitajiet elenkati fil-punti (a), (b) u (c) ikunu **relatati** mal-għanijiet ġenerali tal-Istrument applikabbli implimentat permezz tal-azzjoni, il-finanzjament mill-Unjoni jista' jkopri

Emenda

2. Sakemm l-attivitajiet elenkati fil-punti (a), (b) u (c) ikunu **marbuta direttament** mal-għanijiet ġenerali tal-Istrument applikabbli implimentat permezz tal-azzjoni, il-finanzjament mill-Unjoni jista' jkopri

Or. en

Emenda 18

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Il-miżuri ta' appoġġ jistgħu jiġu ffinanzjati barra mill-kamp ta' applikazzjoni tad-dokumenti ta' programmar indikattiv. Fejn applikabbli, il-Kummissjoni għandha tadotta miżuri ta' appoġġ skont **il-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 15(2)**.

Emenda

3. Il-miżuri ta' appoġġ jistgħu jiġu ffinanzjati ***b'mod proporzjonat mal-objettivi tagħhom*** barra mill-kamp ta' applikazzjoni tad-dokumenti ta' programmar indikattiv. Fejn applikabbli, il-Kummissjoni għandha tadotta miżuri ta' appoġġ skont ***l-Artikolu 15(2)***. ***F'każ li l-ammont totali ta' miżuri ta' appoġġ jaqbeż il-livelli limiti għal finanzjament fuq skala żgħira, kif imsemmi fl-Artikolu 2(2), il-Kummissjoni għandha tadotta miżuri ta' appoġġ bi qbil mal-Artikolu 15(3)***.

Or. en

Emenda 19

Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) sostenn tal-baġit;

Emenda

(c) sostenn tal-baġit ***ġenerali u settorjali***;

Or. en

Emenda 20

Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni

(f) ishma jew parteċipazzjonijiet f'ekwità f'istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali, inklużi banek ta' żvilupp reġjonali.

Emenda

(f) ishma jew parteċipazzjonijiet f'ekwità f'istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali, inklużi banek ta' żvilupp reġjonali ***iżda esklużi l-banek nazzjonali tal-Istati***

Membri.

Or. en

Emenda 21

Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 6 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) kontribuzzjonijiet għall-ispejjeż meħtieġa biex iwaqqfu u jamministraw sħubija pubblika-privata, u

Emenda

(c) kontribuzzjonijiet **proporzjonati** għall-ispejjeż meħtieġa biex iwaqqfu u jamministraw sħubija pubblika-privata, u

Or. en

Emenda 22

Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

6a. Id-dħul kollu ġġenerat bit-tmien ta' strument finanzjarju ġestit minn intermedjarju finanzjarju għandu jiġi assenjat lill-istrument tal-azzjoni esterna korrispondenti bħala dħul assenjat intern. Kull ħames snin, il-Kummissjoni għandha teżamina l-kontribut li jkun ingħata għall-ilħuq tal-objettivi tal-Unjoni mill-istrumenti finanzjarji eżistenti, kif ukoll l-effikaċja tagħhom. Fejn jiġi deċiż li jitwaqqaf strument finanzjarju, id-deċiżjoni f'dak ir-rigward għandha tiġi adottata bi qbil mal-Artikolu 15(3).

Or. en

Emenda 23

Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 6b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

6b. L-użu ta' strumenti finanzjarji innovattivi ma' istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali għandu jkun ibbażat fuq l-istandards komuni tal-Unjoni u l-aħjar prattiki dwar l-użu tal-fondi tal-Unjoni u r-rappurtar, kif stipulat fir-regoli finanzjarji u leġiżlazzjoni oħra rilevanti tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 24

Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3. L-impenji baġitarji għal azzjonijiet taħt l-IPA u l-ENI li jestendu għal aktar minn sena finanzjarja waħda jistgħu jinqasmu fuq diversi snin f' rati annwali.

3. L-impenji baġitarji għal azzjonijiet taħt l-IPA, **id-DCI, l-Istrument ta' Sħubija għal kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi** u l-ENI li jestendu għal aktar minn sena finanzjarja waħda jistgħu jinqasmu fuq diversi snin f' rati annwali.

Or. en

Emenda 25

Proposta għal regolament Artikolu 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 6a

Ir-rappurtar dwar l-infiq relatat mal-azzjoni esterna

Il-Kummissjoni għandha tippreżenta, fil-parti VII tad-Dokument ta' Ħidma dwar l-infiq relatat mal-azzjoni esterna għas-sena baġitarja n+1, analiżi skont il-pajjiż u l-istrument u skont l-impenji u l-pagamenti, għal kull waħda mill-miżuri msemmija fl-Artikolu 3, l-Artikolu 4(1) u l-Artikolu 6(1).

Or. en

Emenda 26

Proposta għal regolament Artikolu 12

Test propost mill-Kummissjoni

Artikolu 12

Evalwazzjonijiet ta' azzjonijiet

- 1. Il-Kummissjoni għandha tissorvelja u tirrevedi regolarment l-azzjonijiet tagħha, u tevalwa r-riżultati tal-implimentazzjoni tal-politiki u l-azzjonijiet settorjali, u l-effettività tal-iprogrammar, fejn xieraq permezz ta' evalwazzjonijiet esterni indipendenti, sabiex taċċerta jekk l-għanijiet ikunux intlaħqu u biex tkun tista' tifformula rakkomandazzjonijiet bil-ksieb li ttejjeb operazzjonijiet futuri.*
- 2. Il-Kummissjoni għandha tibgħat ir-rapporti ta' evalwazzjoni tagħha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għal informazzjoni. L-Istati Membri jistgħu jitolbu li jiddiskutu evalwazzjonijiet speċifiċi fil-Kumitati msemmija fl-Artikolu 15. Ir-riżultati għandhom imorru lura għad-disinn tal-iprogrammar u l-allokazzjoni tar-riżorsi.*
- 3. Il-Kummissjoni għandha tassoċja lill-partijiet interessati rilevanti kollha sa punt xieraq fil-fażi tal-evalwazzjoni tal-assistenza mill-Unjoni pprovvduta taħt dan ir-Regolament.*

Emenda

imħassar

Ġustifikazzjoni

Ara l-Emenda 26, 27, - l-Artikolu 12 għandu jitmexxa mit-Titolu II għat-Titolu IV tal-proposta b'xi emendi.

Emenda 27

**Proposta għal regolament
Titolu IV – Artikolu 12a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 12a

L-evalwazzjoni tal-azzjonijiet

- 1. Il-Kummissjoni għandha tissorvelja u teżamina mill-ġdid kull sena l-azzjonijiet tagħha, filwaqt li tevalwa jekk l-objettivi ġewx definiti kif jixraq, u għandha tivvaluta r-riżultati tal-implimentazzjoni tal-politiki u l-azzjonijiet settorjali u l-effikaċja tal-iprogrammar, fejn xieraq permezz ta' evalwazzjonijiet esterni indipendenti, sabiex taċċerta jekk l-objettivi jkunux intlaħqu u biex tkun tista' tifformula rakkomandazzjonijiet bil-ħsieb li ttejjeb operazzjonijiet futuri.*
- 2. Il-Kummissjoni għandha tibgħat ir-rapporti ta' evalwazzjoni tagħha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għal skopijiet ta' informazzjoni. L-Istati Membri jistgħu jitolbu li l-evalwazzjonijiet speċifiċi jiġu diskussi fil-komitati msemmija fl-Artikolu 15. Ir-riżultati ta' dawn id-diskussjonijiet għandhom jikkontribwixxu għad-disinn ta' programmi u l-allokazzjoni ta' riżorsi.*
- 3. Il-Kummissjoni għandha sa ċertu punt tassoċja lill-partijiet interessati rilevanti kollha fil-fażi tal-evalwazzjoni tal-assistenza mill-Unjoni pprovduta skont dan ir-Regolament.*

Ġustifikazzjoni

Ara l-Emenda 26, 27, - l-Artikolu 12 għandu jitmexxa mit-Titolu II għat-Titolu IV tal-proposta b'xi emendi.

Emenda 28

Proposta għal regolament Artikolu 13 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni

Rapport biennali

Emenda

(Ma taffettwax il-verżjoni Maltija)

Or. en

Emenda 29

Proposta għal regolament Artikolu 13 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Ir-rapport biennali għandu jkollu informazzjoni relatata ***mas-sena*** preċedenti dwar il-miżuri ffinanzjati, ir-riżultati ta' eżerċizzji ta' monitoraġġ u evalwazzjoni, l-involvement tal-imsieħba rilevanti, u l-implimentazzjoni ta' impenji baġitarji u ta' approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet. Huwa għandu jevalwa r-riżultati tal-assistenza finanzjarja mill-Unjoni bl-użu, safejn hu possibbli, ta' indikaturi speċifiċi u miżurabbli tar-rwol tagħha biex jintlaħqu l-għanijiet tal-Istrumenti.

Emenda

2. Ir-rapport biennali għandu jkollu informazzjoni relatata ***mas-sentejn*** preċedenti dwar il-miżuri ffinanzjati, ir-riżultati ta' eżerċizzji ta' monitoraġġ u evalwazzjoni, l-involvement tal-imsieħba rilevanti, u l-implimentazzjoni ta' impenji baġitarji u ta' approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet. Huwa għandu jevalwa r-riżultati tal-assistenza finanzjarja mill-Unjoni bl-użu, safejn hu possibbli, ta' indikaturi speċifiċi u miżurabbli tar-rwol tagħha biex jintlaħqu l-għanijiet tal-Istrumenti, ***inklużi l-iżvilupp ekonomiku u d-drittijiet tal-bniedem.***

Or. en

Emenda 30

Proposta għal regolament Artikolu 16 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2017, għandu jiġi stabbilit rapport mill-Kummissjoni fuq il-kisba tal-għanijiet ta' kull wieħed mill-Istrumenti permezz ta' indikaturi **tar-riżultat u tal-impatt** li jkejlu l-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi u l-valur miżjud Ewropew tal-Istrumenti, fid-dawl ta' deċiżjoni dwar it-tiġdid, modifika jew sospensjoni tat-tipi ta' azzjonijiet implimentati taħt l-Istrumenti. Ir-rapport għandu, barra minn hekk, jindirizza l-kamp ta' applikazzjoni għas-simplifikazzjoni, koerenza interna u esterna, ir-rilevanza kontinwa tal-għanijiet kollha, kif ukoll il-kontribuzzjoni tal-miżuri għall-prijoritajiet tal-Unjoni għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv. Dan għandu jikkunsidra kwalunkwe konstatazzjonijiet u konklużjonijiet dwar l-impatt fit-tul tal-Istrumenti.

Emenda

1. Sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2017, għandu jiġi stabbilit rapport mill-Kummissjoni fuq il-kisba tal-għanijiet ta' kull wieħed mill-Istrumenti **u fuq il-prestazzjoni globali ta' dan ir-Regolament u l-valur miżjud provdut minnu** permezz ta' indikaturi **trasparenti, ċari u speċifiċi** li jkejlu l-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi u l-valur miżjud Ewropew tal-Istrumenti, fid-dawl ta' deċiżjoni dwar it-tiġdid, modifika jew sospensjoni tat-tipi ta' azzjonijiet implimentati taħt l-Istrumenti. Ir-rapport għandu, barra minn hekk, jindirizza l-kamp ta' applikazzjoni għas-simplifikazzjoni, koerenza interna u esterna, ir-rilevanza kontinwa tal-għanijiet kollha, kif ukoll il-kontribuzzjoni tal-miżuri għall-prijoritajiet tal-Unjoni għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv. Dan għandu jikkunsidra kwalunkwe konstatazzjonijiet u konklużjonijiet dwar l-impatt fit-tul tal-Istrumenti.

Or. en

Emenda 31

Proposta għal regolament Artikolu 16 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Dan ir-rapport għandu jiġi ppreżentat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, u għandu jkun akkumpanjat, jekk xieraq, minn proposti leġiżlattivi li jintroduċu l-modifiki meħtieġa għall-Istrumenti.

Emenda

2. Dan ir-rapport għandu jiġi ppreżentat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, u għandu jkun akkumpanjat, jekk xieraq, minn proposti leġiżlattivi li jintroduċu l-modifiki meħtieġa għall-Istrumenti **u għal dan ir-Regolament.**

Emenda 32

Proposta għal regolament Artikolu 16 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

5a. Sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2017, il-Kummissjoni għandha tipproduċi dokument li jikkonsolida l-informazzjoni kollha dwar il-finanzjament kollu rregolat b'dan ir-Regolament u l-finanzjament estern kollu b'mod ġenerali, li jista' jkun li ma jkunx limitat biss għall-Intestatura 4, u li jagħti analiżi tal-infiq skont, inter alia, il-pajjiżi benefiċjarju, il-qasam ġenerali ta' applikazzjoni tal-fondi, l-użu tal-istrumenti finanzjarji, l-impenji u l-pagamenti u l-livell ta' parteċipazzjoni tas-sħab.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-Rapporteur tħoss li dokument b'hal dan iżid ħafna t-trasparenza dwar kif u fejn jintnefaq il-finanzjament tal-UE u jtejjeb is-sorveljanza dwar il-komplementarjetà u l-koerenza fil-firxa ta' strumenti u inizjattivi finanzjarji.